Il-Kummissjoni Ewropea

# IL-FLUS TIEGĦEK IMPORTANTI

## Solvi talbiet malajr permezz tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar

36% tal-Ewropej jixtru onlajn minn pajjiż ieħor tal-UE, oħrajn jixtru minn barra pajjiżhom meta jkunu qed jivvjaġġaw. Issa għandna għażla ikbar minn qatt qabel, imma l-affarijiet mhux dejjem jimxu sew. Jekk kellek problemi b'oġġetti jew servizzi li xtrajt minn barra mill-pajjiż u tixtieq titlob għad-danni, il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar tista' tkun is-soluzzjoni.

## Għal xiex inhi?

**TALBIET GĦAL DANNI RELATATI MAX-XIRI LI TKUN GĦAMILT F'PAJJIŻ IEĦOR TAL-UE.**

**Oġġetti** jew **Servizzi**

**TALBIET GĦAL...**

**Flus** jew **Forom oħra ta' kumpens**

**LI JISWA...**

**€5 000** jew inqas

## Mod aktar faċli, eħfef u orħos biex tikseb id-danni

- Proċedura bil-miktub
- Formoli multilingwi
- Ebda rappreżentanza legali mhi meħtieġa
- Il-miżati tal-Qorti huma l-uniċi miżati obbligatorji
- Skadenzi inkorporati għal ħlas fil-ħin
- Is-sentenza tiġi infurzata f'26 pajjiż tal-UE (kollha minbarra d-Danimarka)
- Għajnuna bla ħlas bil-formoli disponibbli miċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur lokali tiegħek, pereżempju

*Ġustizzja u Konsumaturi*

DS-02-19-458-MT-N

## 5 Passi għall-ħlas

### 1. IĠBOR L-EVIDENZA

Ara x'inhi l-bażi tat-talba tiegħek u iġbor l-evidenza biex tappoġġaha.

### 2. IMLA L-FORMOLA TAT-TALBA

Ikseb il-formola mill-qorti tiegħek jew onlajn.
Iċ-ċentru lokali legali jew tal-konsumatur tiegħek jista' jgħinek timliha jekk ikun meħtieġ.

### 3. IBGĦAT IL-FORMOLA LILL-QORTI

Inkludi dokumenti ta' appoġġ bħal:
**Ordnijiet / Irċevuti / Ritratti**

### 4. IL-QORTI TEVALWA T-TALBA

Iċċekkja jekk it-talba hijiex
**fl-ambitu tal-proċedura / ben stabbilita**

**It-talba barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura**
↳ **It-talba ġiet irtirata, jew l-applikant jista' jipproċedi skont l-eqreb proċedura nazzjonali xierqa**
STOP

**Talba infondata**
↳ **Talba miċħuda.**
STOP

**It-talba hija fil-kamp ta' applikazzjoni u ben stabbilita**
GO

### 5. SENTENZA

Il-konvenut ikun infurmat dwar it-talba fi żmien 14-il jum minn meta tiġi riċevuta mill-qorti u għandu 30 jum biex iwieġeb. 30 jum wara li tirċievi r-rispons tal-konvenut jew it-tweġiba tar-rikorrenti għal dan ir-rispons, il-qorti jkollha tiġġudika jew titlob aktar informazzjoni. F'xi każijiet aktar rari l-qorti tista' tiddeċiedi li ssejjaħ seduta tas-smigħ. Is-seduta tista' ssir permezz ta' konferenza bil-vidjow, jekk ikun possibbli.

**Il-konvenut ma jweġibx it-talba, il-qorti tiddeċiedi t-talba**

Jekk il-konvenut ma jweġibx fi żmien 30 jum, il-qorti tiddeċiedi t-talba.

↳ **Ħlas**

**Il-konvenut jaċċetta t-talba**

↳ **Ħlas**

**Il-konvenut jikkontesta t-talba**

↳ **Id-deċiżjoni tal-qorti dwar il-ħlas**

**LADARBA TINGĦATA S-SENTENZA, TIĠI INFURZATA SKONT IL-LIĠI TAL-PAJJIŻ TAL-UE LI GĦANDHA TKUN INFURZATA FIH.**

## Għandek talba xi tħallas? Ibda issa.

- Gwida tal-utent dwar il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar
- Il-portal elettroniku tal-Ġustizzja tal-UE
- Lista taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi

Segwina: https://twitter.com/EU_commission https://www.facebook.com/EUJustice

© European Union 2019

ISBN 978-92-76-08494-5
doi:10.2838/545551